Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2026)0185

Ir-repressjoni u l-eżekuzzjoni ta’ dimostranti, dissidenti, priġunieri politiċi u minoranzi reliġjużi fl-Iran

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta’ Mejju 2026 dwar ir-repressjoni u l-eżekuzzjoni ta’ dimostranti, dissidenti, priġunieri politiċi u minoranzi reliġjużi fl-Iran (2026/2733(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar ir-Repubblika Iżlamika tal-Iran,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 150(5) u l-Artikolu 136(4) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

A. billi l-poplu Iranjan iffaċċja l-akbar qtil tal-massa ta’ dimostranti fl-istorja tal-pajjiż wara r-rewwixta tal-2025-2026, b’għexieren ta’ eluf maqtula, inklużi mill-anqas 236 minorenni, kif ukoll detenzjonijiet tal-massa, eżekuzzjonijiet, tortura u terrur jum wara l-ieħor; billi l-Iran għandu l-ogħla rata ta’ pieni tal-mewt per capita fid-dinja; billi r-reġim juża l-gwerra li tinsab għaddejja bħala kopertura biex jaċċellera saħansitra aktar l-eżekuzzjonijiet;

B. billi l-Missjoni internazzjonali indipendenti tan-NU ta’ tiftix tal-fatti dwar l-Iran wissiet li r-repressjoni tista’ tammonta għal delitti kontra l-umanità;

C. billi f’Marzu 2026, l-awtoritajiet bdew jiġġustizzjaw id-dimostranti ta’ Jannar wara prosekuzzjonijiet fittizji bbażati fuq konfessjonijiet miksuba permezz ta’ tortura, vjolenza sesswali, xandir ta’ konfessjonijiet furzati u eżekuzzjonijiet fittizji;

D. billi r-reġim jimmira b’mod sproporzjonat il-minoranzi reliġjużi u etniċi, inklużi l-Ahwazis, l-Afgani, l-Azeri, il-Baha’is, il-Baluchis, l-Insara, il-Lhud, il-Kurdi u s-Sunniti u z-Zorostrijani; billi r-reġim intensifika l-kampanja tiegħu kontra l-attivisti tad-drittijiet tan-nisa, il-ġurnalisti u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem;

1. Jesprimi s-solidarjetà tiegħu mal-poplu Iranjan u t-taqbida tiegħu

għal-libertà, id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem;

2. Jikkundanna r-repressjoni dejjem tiżdied tar-reġim u l-użu tal-piena tal-mewt biex tiġi skoraġġuta l-mobilizzazzjoni politika; jeżiġi li l-eżekuzzjonijiet jitwaqqfu immedjatament u l-piena tal-mewt tiġi abolita kompletament;

3. Jiddeplora l-eżekuzzjoni sigrieta tad-dissidenti f'Marzu u f'April tal-2026, b'mod partikolari tal-minorenni; jagħti ġieħ il-qlubija notevoli ta' dawk iġġustizzjati;

4. Jitlob il-ħelsien immedjat u mingħajr kundizzjonijiet tal-priġunieri politiċi kollha f'detenzjoni u akkontabbiltà għall-vjolenza mwettqa hemmhekk;

5. Jenfasizza kif l-arresti ta' Peyvand u Borna Naimi mill-komunità Baha'i juru għal darb'oħra r-repressjoni brutali tar-reġim kontra l-minoranzi u jitlob għall-ħelsien immedjat u mingħajr kundizzjonijiet tagħhom;

6. Jistieden lill-Kunsill jespandi s-sanzjonijiet kontra uffiċjali Iranjani responsabbli għar-repressjoni, inklużi l-ġudikatura, l-amministrazzjoni tal-ħabsijiet, il-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) u l-entitajiet assoċjati mal-Mexxej Suprem;

7. Jappella għal sanzjonijiet fuq l-assi tal-IRGC u tal-membri tal-familja leali u biex id-dħul tagħhom fl-UE jiġi miċħud;

8. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jagħlqu l-missjonijiet diplomatiċi Iranjani assoċjati mar-repressjoni tranżnazzjonali;

9. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħlqu l-lakuni fl-infurzar tas-sanzjonijiet;

10. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-Missjoni ta' tiftix tal-fatti tirċievi riżorsi adegwati u jikkondividu l-informazzjoni magħha u jistabbilixxu tribunal għall-Iran għall-finijiet ta' akkontabbiltà u ġuriżdizzjoni universali fil-qrati Ewropej;

11. Jikkundanna l-blackout tal-internet impost fl-Iran u jitlob lill-UE u lis-sħab tal-istess fehma biex lill-Iranjani jipprovdulhom għodod għal aċċess sigur għall-internet;

12. Jistieden lill-Istati Membri jqisu kif xieraq il-vulnerabbiltà tal-Iranjani ppersegwitati meta jipproċessaw każijiet taħt l-oqfsa legali nazzjonali;

13. Jistieden lill-VP/RGħ, lill-Kunsill u lill-Istati Membri jagħmlu d-drittijiet tal-bniedem, il-ħelsien tal-priġunieri politiċi kollha, it-tmiem tal-eżekuzzjonijiet, u l-akkontabbiltà għall-vittmi element ewlieni ta' kwalunkwe impenn biex tintemm il-gwerra li tinsab għaddejja;

14. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-VP/RGħ, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, kif ukoll lill-awtoritajiet tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran.